



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.5.2015
COM(2015) 219 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT
EWROPEW**

Il-qagħda tan-natura fl-Unjoni Ewropea

**Rapport dwar l-istatus u x-xejriet għat-tipi ta' habitats u għall-ispeċijiet li jkopru d-
Direttiva tal-Għasafar u d-Direttiva tal-Habitats għall-perjodu 2007-2012
bħalma jeżiġi l-Artikolu 17 tad-Direttiva tal-Habitats u bħalma jeżiġi l-Artikolu 12 tad-
Direttiva tal-Għasafar**

1. INTRODUZZJONI

1.1. IL-KUNTEST

Iċ-ċittadini Ewropej jgħixu f'wieħed mill-aktar reġjuni b'densità għolja tal-popolazzjoni fid-dinja li għandu storja twila fejn jidħol l-użu tal-art. Dan ħalla impatt qawwi fuq in-natura, u wassal biex inħolqu l-pajsaġġi kulturali differenti li jilqgħu flora u fauna għonja. Iżda bl-iżviluppi li saru, l-aktar fis-seklu 20, inqerdet massa kbira ta' natura. Mill-1900 sa nofs it-tmeninijiet l-Ewropa tilfet żewġ terzi tal-artijiet mistagħdra tagħha¹, u kważi tliet kwarti tad-duni tar-ramel u tax-xagħri, minħabba taħlita ta' tibdil fl-użu tal-art, żviluppi infrastrutturali, tniġġis u espansjoni urbana.

Hu tħassib kbir li qed nitilfu dan il-kapital naturali għax il-koll niddependu fuq in-natura għall-ikel, l-enerġija, il-materja prima, l-arja u l-ilma biex ngħixu. Barra minn hekk, in-natura hi mutur ekonomiku ċentrali li tagħti sehemha fl-ekonomija tagħna b'modi li għadna kemm bdejna nifhmu sew u tagħtina servizzi li huma kruċjali biex jinżammu u jinħolqu l-impjiegi u t-tkabbir. In-natura hi wkoll sors ta' ispirazzjoni, għarfien u rikreazzjoni, u hi parti integrali mill-wirt kulturali tagħna.

Id-Direttiva tal-Għasafar² u d-Direttiva tal-Habitats³ huma l-istrumenti leġislattivi ewlenin li jiżguraw il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tan-natura fl-UE, l-aktar bin-netwerk Natura 2000 li jiġbor żoni b'valur qawwi ta' bijodiversità. Id-Direttivi huma elementi ewlenin fl-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijodiversità, bil-għan li tintlaħaq il-mira ewlenija tal-UE li "*jitwaqqaf it-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tas-servizzi tal-ekosistema fl-UE sal-2020 u jiġu rriġenerati kemm jista' jkun.*" Dawn huma meħtieġa wkoll biex jintlaħqu l-impenji globali tal-UE fiil-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika konklużi f'Nagoya f'Ottubru 2010.

1.2. GĦALA SAR DAN IR-RAPPORT?

L-implimentazzjoni effettiva tad-Direttivi tintrifed b'għarfien ta' kwalità fuq l-istatus u x-xejriet tal-habitats u l-ispeċijiet protetti bid-Direttivi tintrifed. Dan ir-rapport jissodisfa rekwiżit legali li minn żmien għall-ieħor il-Kummissjoni tivvaluta l-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tad-Direttivi permezz ta' monitoraġġ u rappurtar mill-Istati Membri.

Ir-rapport jiddeskrivi r-riżultati ewlenin għall-perjodu tar-rappurtar 2007-12, u jirrappreżenta kollaborazzjoni bla preċedent bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej. Dan jistrieħ fuq bażi tad-dejta⁴ unika dwar in-natura tal-UE, li fiha aktar minn 17 000 sett tad-dejta u valutazzjoni ta' speċijiet u habitats individwali; u jiġbor informazzjoni dwar l-istatus ta' madwar 450 speċi tal-għasafar selvaġġi, 231 tip ta' habitat u aktar minn 1 200 speċi ieħor ta' interess Komunitarju. Minkejja li dan hu element wieħed biss mill-bijodiversità kollha fl-UE, dan hu kampjun siewi ħafna li jirrifletti t-theddid u l-pressjonijiet li qed taffaċċja l-bijodiversità fl-Istati Membri.

¹ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew fuq l-użu bil-għaqal u l-konservazzjoni tal-artijiet mistagħdra-COM(1995) 189 finali, tad-29.05.1995.

² Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi.

³ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa.

⁴ Jista' jinkiseb onlajn miċ-Ċentru tad-Dejta tal-EEA dwar il-Bijodiversità (<http://www.eea.europa.eu/themes/biodiversity/dc>)

Billi r-rappurtar sar aktar razzjonalizzat, għall-ewwel darba r-riżultati setgħu jiġu preżentati u valutati skont iż-żewġ Direttivi f'daqqa, u seta' jingħaraf aktar is-sehem li jagħti l-programm Natura 2000 għall-istatus u għax-xejriet tan-natura. Dan ir-rapport hu ġabra fil-qosor ta' informazzjoni komprensiva u dettaljata, u jibni fuq l-analiżi estensiva li għamlet l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (l-EEA)⁵, li tagħti wkoll aktar dettalji metodoloġiċi.

Ir-riżultati ta' din l-valutazzjoni jagħtu tagħrif u għarfien siewi biex tintrifed kull azzjoni oħra meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttivi tal-Għasafar u tal-Habitats u biex jitjeb il-kontribut tagħhom ħalli jintlaħqu l-għanijiet tal-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijodiversità għall-2020.

Tajjeb jingħaraf li meta joħroġ fid-dieher kif inbidel l-istatus ta' ċertu habitats u speċijiet, ħafna minnhom kienu diġà f'qagħda kritika meta ssemmev fid-Direttivi u għaldaqstant hemm bżonn ħafna ħin u sforz biex ikun żgurat l-irkupru tagħhom. Barra minn hekk hemm xi limitazzjonijiet għax is-serje kronoloġiċi meħtieġa mid-Direttiva huma biss ta' żewġ perjodi tar-rappurtar.

2. IL-VALUTAZZJONIJIET TAL-ISTATUS — KIF ISIRU

2.1. Valutazzjoni tal-istatus ta' konservazzjoni tal-ħabitats u tal-ispeċijiet (id-Direttiva tal-Habitats)

Bid-Direttiva tal-Habitats jittieħdu miżuri "biex iżommu jew jirripristinaw, fi stat ta' konservazzjoni favorevoli, l-ħabitat naturali u l-ispeċi tal-fawna u l-flora selvaġġa li huma ta' interess għall-Komunità". It-terminu "status ta' konservazzjoni", id-Direttiva tiddefinix skont bosta parametri: il-firxa, il-popolazzjoni, iż-żona tal-ħabitat, il-ħabitat adattat għall-ispeċijiet, l-istruttura u l-funzjonijiet tal-ħabitats, u l-prospetti futuri. U fuqhom jiġi bbażat il-ġbir tad-dejta. Għal kull habitats u speċi, kull wieħed minn dawn il-parametri jiġi valutat bħala favorevoli⁶, inadegwat⁷ jew ħazin⁸ (jew mhux magħruf) skont matriċi ta' evalwazzjoni miftiehma li tagħti valutazzjoni ġenerali tal-istatus ta' konservazzjoni f'4 klassijiet. Għall-ħabitats u għall-ispeċijiet bi status negattiv, ġew identifikati 4 tipi ta' xejriet tal-istatus (it-Tabella 1).

Il-Klassi tal-Istatus ta' Konservazzjoni	Kulur
Favorevoli	
Mhux favorevoli - inadegwat	
Mhux favorevoli - ħażin	
Mhux magħruf	

Xejra tal-Istatus ta' Konservazzjoni (tul il-perjodu 2007-2012)	Kulur
Għall-aħjar	
Stabbli	
Għall-agħar	
Mhux magħruf	

⁵ Ir-rapport tal-EEA Nru 2/2015 — State of nature in the EU: Results from reporting under the nature directives 2007-2012. (Il-qagħda tan-natura fl-UE: ir-riżultati tar-rappurtar skont id-direttivi tan-natura bejn l-2007-2012)


⁶ Xi tip ta' habitats jew l-ispeċi qed jimxi 'l quddiem (mil-lat ta' kwalità u kwantità) u għandu prospetti tajbin li jibqa' sejjer hekk fil-ġejjieni.

⁷ Hemm bżonn bidla fl-immaniġġjar biex it-tip ta' habitats jew l-ispeċi jerġa lura għal status ta' konservazzjoni favorevoli iżda fil-futur qrib mhemmx il-periklu ta' estinzjoni.

⁸ L-istatus ta' xi tip ta' habitats jew l-ispeċi mhu tajjeb xejn jew saħansitra f'periklu serju ta' estinzjoni (mill-inqas reġjonalment).

Tabella 1 — Il-kodiċijiet tal-kuluri għall-klassijiet tal-istatus u x-xejriet ta' konservazzjoni għall-habitats u l-ispeċijiet

Biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jitqabblu bis-sens, l-Ewropa nqasmet f'disa' reġjuni bijoġeografiċi fuq l-art u f'ħames reġjuni fuq il-baħar li jaqsmu bejniethom l-istess kundizzjonijiet ekoloġiċi (il-Mappa 1). Dawk l-Istati Membri li t-territorju tagħhom jinfirex fuq aktar minn reġjun bijoġeografiku wieħed, ressqu valutazzjoni separata għal kull reġjun bijoġeografiku għal kull speċi u tip ta' habitat li hemm fit-territorju tagħhom.



Mappa 1 — Ir-reġjuni bijoġeografiċi u r-reġjuni tal-baħar fl-UE27 tul l-perjodu tar-rappurtar 2007-12⁹

Minbarra l-valutazzjonijiet li għamlu l-Istati Membri, id-dejta ġiet aggregata u valutata fil-livell bijoġeografiku tal-UE mill-EEA u miċ-Ċentru Topiku Ewropew dwar id-Diversità Bijoloġika (l-ETC-BD).

2.2. Valutazzjoni tal-istatus u tax-xejriet tal-popolazzjoni tal-ispeċijiet tal-għasafar (id-Direttiva tal-Għasafar)

Fejn tidħol id-Direttiva tal-Għasafar, li għandha l-għan li tħares l-ispeċijiet kollha tal-għasafar selvaġġi li jgħixu fl-UE, għall-ewwel darba l-Istati Membri taw dejta dwar id-daqs u x-xejriet tal-popolazzjoni fit-territorju nazzjonali tagħhom. L-istatus tal-popolazzjoni ġie valutat biss fil-livell tal-UE. Il-klassijiet tal-istatus li ntużaw għall-għasafar jistrieħu fuq il-kriterji xjentifiċi żviluppati biex jinstab ir-riskju ta' estinzjoni li kienet użat l-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura u tar-Riżorsi Naturali (l-IUCN) biex sawret il-Listi l-Ħomor tal-Ispeċijiet. Għax-xejra tal-popolazzjoni ta' speċijiet mhux siguri tul il-perjodu 2001-2012¹⁰, ġew identifikati 4 tipi ta' xejriet tal-popolazzjoni (it-Tabella 2).

⁹ Ir-rapport jirreferi għall-UE27 meta jkun qed jitratta ż-żmien qabel l-adeżjoni tal-Kroazja

¹⁰ Mal-Istati Membri ġie mitfiehmed perjodu tax-xejra mifrux fuq 12-il sena għax 6 snin ikunu ftit wisq biex jingħarfu xejriet b'saħħithom tal-popolazzjoni.

Il-Klassi tal-Istatus tal-Popolazzjoni tal-UE	Kulur
Sigur	
Kważi mhedded, qed jonqos jew naqas ġmielu	
Mhedded (jiġifieri vulnerabbli, fil-periklu, f'periklu kritiku, estint reġjonalment)	
Mhux magħruf jew mhux evalwat	

Xejra tal-Popolazzjoni ¹¹	Kulur
Għall-aħjar	
Stabbli	
Ivarja	
Għall-agħar	
Mhux magħruf	

Tabella 2 — Il-kodiċijiet tal-kuluri għall-klassijiet tal-istatus tal-popolazzjoni tal-UE u x-xejriet tal-popolazzjoni għall-ispeċijiet tal-għasafar

2.3. JITĦADDMU X-XEJRIET

L-analiżi fil-livell tal-UE tibbaża fuq aggregazzjoni tad-dejta li ressuq l-Istati Membri. U għalhekk ħafna żviluppi pożittivi li saru fil-livell lokali, reġjonali jew saħansitra fil-livell nazzjonali jaf jinħbew għalkollox f'din l-iskala akbar. Barra minn hekk, sabiex tinbidel il-klassi tal-istatus ta' konservazzjoni/popolazzjoni jeħtieġ li tinbidel ġmielu xi waħda jew aktar mill-parametri/kriterji individwali, u dan hu diffiċli li jseħħ fi żmien tant qasir bħal sitt snin. Għaldaqstant, il-bidliet li saru matul iż-żmien (għall-aħjar jew għall-agħar) u li ma jkunux b'saħħithom biżżejjed biex tinbidel il-klassi tal-istatus, jaf ma jingħarfux jekk tintwera biss informazzjoni dwar l-istatus attwali. Minħabba f'hekk, minbarra l-informazzjoni dwar l-istatus, ir-rapport jagħti informazzjoni dwar ix-xejriet tal-istatus ta' konservazzjoni għall-karatteristiċi tad-Direttiva tal-Habitats tul il-perjodu 2007-2012 u dwar ix-xejriet tal-popolazzjoni tal-għasafar tul il-perjodu 2001-2012. It-Taqsima 6 dwar Natura 2000 tippreżenta wkoll xejriet tal-popolazzjoni fit-tul għall-għasafar (1980-2012).

3. L-ISTATUS U X-XEJRIET TAL-KONSERVAZZJONI

3.1. IL-KOMPLETEZZA U L-KWALITÀ TAD-DEJTA


Mill-aħħar perjodu tar-rappurtar tjebu ġmielu id-disponibbiltà, il-kwalità u l-istandardizzazzjoni tal-informazzjoni skont id-Direttiva tal-Habitats. L-għadd ta' valutazzjonijiet fil-livell tal-UE li tqiesu "*mhux magħruf*" naqas bin-nofs (minn 18% għal 7% għall-habitats u minn 31% għal 17% għall-ispeċijiet li mhumiex għasafar). Matul l-aħħar għaxar snin tjebu ġmielu wkoll l-għarfien dwar il-popolazzjonijiet tal-għasafar u x-xejriet tagħhom, u allura tista' tittieħed azzjoni ta' konservazzjoni aħjar u aktar immirata.

Madankollu l-livell tal-konformità u tal-kwalità tad-dejta fir-rapporti nazzjonali jvarja u għad għandu fejn jista' jitjeb permezz ta' programmi ta' monitoraġġ immirati. Il-habitats u l-ispeċijiet tal-baħar għadhom l-inqas magħrufa u l-monitoraġġ tagħhom jeħtieġ aktar sforz ġmielu. Jekk f'dan il-qasam tkun żgurata aktar koerenza mad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, is-sitwazzjoni għandha titjeb.


¹¹ Xejra f'perjodu qasir: 2001-2012, perjodu twil: 1980-2012

3.2. L-ISPEĊIJJET KOLLHA TAL-GĦASAFAR

L-istatus ta' aktar minn nofs l-ispeċijiet kollha tal-għasafar selvaġġi li ġew valutati huwa sigur. Iżda madwar 15% huma kważi mhedda, qed jonqsu jew naqsu għielu filwaqt li 17% oħra tal-ispeċijiet huma mhedda (il-Grafika 1). Ix-xejriet tal-popolazzjoni tal-ispeċijiet tal-għasafar f'perjodu qasir juru li 4% biss mhumiex siguri iżda l-persentaġġ qed jiżdied, filwaqt li 6% mhumiex siguri u stabbli, u 20% oħra mhumiex siguri iżda l-persentaġġ qed jonqos (il-Grafika 2).



Grafika 1 — L-istatus tal-popolazzjoni tal-għasafar




Grafika 2 — L-istatus tal-popolazzjoni tal-għasafar meta magħhom jiżdiedu x-xejriet tal-popolazzjoni f'perjodu qasir għal għasafar mhux siguri

Jidher li xi speċijiet tal-għasafar qed igawdu mill-miżuri ta' konservazzjoni mmirati li għandhom l-għan jadattaw il-prattiċi fl-użu tal-art, speċjalment fis-siti ta' Natura 2000. Ngħidu aħna, il-programmi agroambjentali u tal-immaniġġjar tal-art li ġew implimentati b'suċċess fi Spanja, il-Portugall, l-Awstrija, l-Ungerija u l-Ġermanja għenu l-irkupru tal-Pitarrun *Otis tarda*, speċi dipendenti fuq pajsaġġi miftuħa (bwar, steppi u żoni kkultivati mhux disturbati) u li qed jonqos fi bnadi oħra tal-Ewropa. Minkejja li f'xi pajjiżi tal-UE l-Bulebbiet ta' Dahru Abjad *Dendrocopos leucotos* ġarrab tnaqqis għielu fil-popolazzjoni, dan l-ispeċi li hu tassew dipendenti fuq siġar deċidwi qodma u mejtin, żdied fl-għadd fil-Finlandja għax gawda minn bidla fil-prassi tal-immaniġġjar tal-foresti fis-siti ta' Natura 2000. Peress li ttieħdu xi miżuri bħal ngħidu aħna l-ħarsien tal-bejta u l-immaniġġjar tal-ħabitats, żdiedu bosta speċijiet tal-għasafar tal-priża, fosthom il-popolazzjonijiet tal-Ajkla Imperjali tal-Lvant *Aquila heliaca* fil-Baċin tal-Karpazji.

3.3. SPEĊIJIET TA' INTERESS KOMUNITARJU (ID-DIRETTIVA TAL-ĦABITATS)

Madwar 23% tal-valutazzjonijiet tal-ispeċijiet fil-livell tal-UE juru status favorevoli, filwaqt li 60% għandhom status mhux favorevoli u 18% minnhom għandhom status mhux favorevoli - ħażin. Fejn jidħlu x-xejriet tal-istatus, minn fost is-60% tal-valutazzjonijiet bi status mhux favorevoli, 4% qed jitjiebu, 20% stabbli, 22% qed imorru għall-agħar u 14% mingħajr xejra magħrufa (il-Grafiki 3 u 4).



Grafika 3 — L-istatus ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet


Grafika 4 — L-istatus ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet bix-xejriet għal dawk bi status mhux favorevoli

L-akbar proporzjonijiet ta' valutazzjonijiet favorevoli għar-reġjuni bijoġeografiċi fuq l-art ġew rappurtati għall-Baħar l-Iswed (32%) u għar-reġjuni tal-Alpi (31%), filwaqt li r-reġjuni Boreali u tal-Atlantiku juru l-akbar proporzjonijiet ta' valutazzjonijiet bi status mhux favorevoli - ħażin (29% u 32% rispettivament). Għalkemm hemm inqas valutazzjonijiet tal-ispeċijiet għar-reġjuni tal-baħar, il-proporzjon ta' valutazzjonijiet mhux magħrufa hu ferm aktar minn dawn (sa 88% fir-reġjun Makaroneżjan). Ir-reġjun tal-Baħar Baltiku għandu l-agħar status għax 60% tal-valutazzjonijiet għandhom status mhux favorevoli - ħażin, u warajh jiġi r-reġjun tal-Baħar l-Iswed (33%).

Il-pjanti vaskulari u l-amfibji għandhom l-ogħla livell ta' valutazzjonijiet favorevoli b'29% u 28% rispettivament (il-Grafika 5). Ħafna mill-istatus ħażin/xejriet għall-agħar jingħataw lil speċijiet assoċjati mal-ambjenti akkwatiċi bħax-xmajjar, il-lagi u l-artijiet mistagħdra. Dan

jikkorrispondi mas-sejba li ħafna drabi l-habitats naturali tal-ilma ħelu għandhom status ta' konservazzjoni mhux favorevoli - inadegwat. Dawn qed ikunu mhedda bit-tibdil li jikkawża l-bniedem, bil-funzjonament idroloġiku, bit-telf tal-konnettività, bil-bini tal-kanali, bit-tneħħija tas-sediment, u bl-ewtrofikazzjoni u t-tniġġis.


Bosta speċijiet assoċjati mal-ambjent naturali tal-ilma ħelu, bħall-ħut migratorju, qed jonqsu b'mod inkwetanti. Madankollu xi proġetti ta' sħubija fuq skala kbira għall-ħut migratorju, bħal dak għall-Asp *Aspius aspius* fl-Iżvezja għal-Laċċa *Alosa alosafil*-Ġermanja rnexxielhom isaħħu l-popolazzjonijiet billi reġġu sawru l-mogħdijiet tal-ilma u neħħew ix-xkiel għall-migrazzjoni bil-bini ta' passaġġi għall-ħut. Fl-Awstrija tneħħa x-xkiel għall-migrazzjoni tal-ħut fix-xmara Danubju ta' Fuq u allura tjebru l-opportunitajiet tal-migrazzjoni għas-salamun tad-Danubju *Hucho hucho* u għal speċijiet oħrajn tal-ħut fil-periklu.




Grafika 5 — L-istatus ta' konservazzjoni u x-xejriet għall-ispeċijiet skont kull grupp tassonomiku

3.4. IT-TIPI TA' HABITATS

L-istatus ta' konservazzjoni tal-habitats u x-xejriet tagħhom huma agħar minn daww għall-ispeċijiet. Aktarx dan peress li t-tradizzjoni ta' azzjoni għall-konservazzjoni tal-ispeċijiet hi aktar stabblita, u l-irkupru tal-ispeċijiet hu ferm inqas kumpless u jieħu inqas żmien għar-rispons. Madwar l-UE, 16% tal-valutazzjonijiet tal-habitats huma favorevoli iżda aktar minn tliet kwarti tal-habitats mhumiex favorevoli u 30% minnhom saħansitra jingħataw status mhux favorevoli - ħażin. Fejn jidhru x-xejriet tal-istatus, minn fost is-77% tal-valutazzjonijiet bi status mhux favorevoli, 4% qed juru titjib, 33% stabbli, 30% qed imorru aktar għall-agħar u 10% mingħajr xejra magħrufa (il-Grafiki 6 u 7).



Grafika 6 — L-istatus ta' konservazzjoni tal-habitats



Grafika 7 — L-istatus ta' konservazzjoni u x-xejriet għall-habitats bi status mhux favorevoli

Filwaqt li r-reġjuni bijoġeografiċi tal-Atlantiku u tal-Boreal juru l-akbar proporzjon ta' valutazzjonijiet bi status mhux favorevoli - ħażin (51% it-tnejn li huma), instab li dawn iż-żewġ reġjuni għandhom l-aktar proporzjon ta' sitwazzjonijiet li tjebu (11% u 10% rispettivament). Ngħidu aħna, filwaqt li l-istatus tal-laguni kostali fir-reġjun Atlantiku tad-Danimarka għadu mhux favorevoli - ħażin, l-azzjoni mmirata li ttieħdet bil-proġetti LIFE u l-iskemi agriambjentali għenet biex uħud minn dawn il-laguni kostali u l-mergħat ta' madwar il-kosta jergħu jissawru mill-ġdid. F'parti mir-reġjun Boreali tal-Latvja sar tkabbir li ta xejra pożittiva ġenerali lix-xagħri mrammel niexef taż-żona. Ħafna minn dawn jitħarsu b'Natura 2000 u bbenefikaw mill-proġetti LIFE u minn sħubija innovattiva mal-meniġers ta' siti ta-taħriġ militari. Billi regħu ssawru l-mergħat salmastri Mediterranji fis-Slovenja u ġie żgurat li jitħaddmu s-salini u jittieħdu miżuri ta' ġestjoni oħrajn, dan it-tip ta' habitat issaħħaflu l-istatus ta' konservazzjoni tiegħu.

3.5. IL-PROGRESS LEJN IL-MIRA 1 TAL-ISTRATEĠJA DWAR IL-BIJODIVERSITÀ

L-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijodiversità għandha l-għan ewlieni li twaqqaf it-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tas-servizzi tal-ekosistema fl-UE sal-2020 u treġġagħhom lura kemm jista' jkun. Il-Mira 1 tal-Istrateġija tistabilixxi għanijiet li jistgħu jitkejlu biex permezz tad-Direttivi dwar in-natura jitjieb l-istatus ta' konservazzjoni tal-habitats u tal-ispeċijiet protetti. Bir-rapport tal-2009 li tfassal skont id-Direttiva tal-Habitats u skont il-valutazzjoni

tal-istatus fl-2004 imsejħa "Birds in the EU"¹² (l-Għasafar fl-UE) bħala parametri referenzjarji, ġew stabbiliti dawn l-għanijiet:

- 100% aktar valutazzjonijiet tal-ħabitats (jiġifieri 34%) u 50% aktar valutazzjonijiet tal-ispeċijiet (jiġifieri 25,5%) skont id-Direttiva tal-ħabitats li għandhom status ta' konservazzjoni favorevoli jew għall-aħjar; u
- 50% aktar valutazzjonijiet tal-ispeċijiet (jiġifieri 78%) skont id-Direttiva tal-Għasafar li għandhom status sigur jew għall-aħjar.

Dawn il-miri ġew ibbażati fuq xenarju ottimu iżda li jista' jinkiseb, bil-preżunzjoni li l-Istati Membri implimentaw għalkollox il-miżuri tad-Direttivi biex itejbu l-istatus ta' konservazzjoni.

Il-Grafika 8 turi l-progress li sar biex jintlaħqu dawn il-miri stabbiliti. Iżda jekk jitqabblu l-valutazzjonijiet ta' perjodi differenti, importanti li kemm jista' jkun jiġi żgurat li l-bidliet osservati jkunu ġenwini u mhux sempliċiment minħabba disponibbiltà ta' dejta aħjar jew minħabba metodoloġija differenti¹³. Il-punti ewlenin huma:


- S'issa ma sar l-ebda tibdil sinifikanti fl-istatus għat-tipi ta' ħabitats. Il-valutazzjonijiet li fil-passat ġew stabbiliti bħala favorevoli ma bidlax l-istatus ta' konservazzjoni tagħhom, u ma żdidux il-ħabitats bi status ta' konservazzjoni favorevoli (16%). 4% ingħataw status mhux favorevoli iżda li qed jitjieb, 30% għadhom sejrini għall-aħjar, u 42% baqgħu ma nbidlax mill-2006¹⁴.
- Il-bidliet li saru bejn il-perjodi tar-rappurtar għall-ispeċijiet huma ferm aktar diffiċli biex jiġu valutati. Billi d-dejta u l-metodoloġija tjebeu, dawn affettwaw ferm il-valutazzjonijiet apparti l-bidliet proprji fl-istatus innifsu. Jekk dan jitqies, jidher li 22% tal-ispeċijiet, minflok 17%, aktarx kien ikollhom status favorevoli fl-2007. U allura jekk dan jiġi kkunsidrat, nistgħu naslu għall-konklużjoni li t-titjib proprju fil-valutazzjonijiet favorevoli għall-ispeċijiet kien ftit ħafna (1-2% aktar milli kien fl-2007). Għalhekk il-Grafika 8 qed turi wkoll mira "backcast", li turi x'kienet tkun il-mira proprja kieku dawn l-ispeċijiet ġew valutati bi status favorevoli fl-2007. Jekk jitqiesu l-valutazzjonijiet kollha tal-ispeċijiet, 5% ingħataw status mhux favorevoli iżda li qed jitjieb, 22% għadhom sejrini għall-aħjar, u 33% baqgħu ma nbidlax mill-2006..
- Il-proporzjon tal-valutazzjonijiet tal-ispeċijiet tal-għasafar bi status sigur jibqa' 52% (bħalma kien fl-2004). Jekk titqies kull valutazzjoni tal-għasafar, 8.5% mhumieq siguri iżda qed jiżdiedu, 2% mhumieq siguri iżda stabbli u 20% qed ikomplu jonqsu.

Jidher li fil-wisa', ix-xejra ġenerali tal-ħabitats tixbah lil dik tal-ispeċijiet; għax dawk li għandhom status favorevoli/sigur jibqgħu stabbli jew sejrini għall-aħjar. Proporzjon ċkejken tal-valutazzjonijiet mhux favorevoli/mhux siguri qed jitjieb iżda dan hu inqas mill-proporzjon ta' dawk li fil-passat tqiesu mhux favorevoli u li sejrini għall-aħjar. Sakemm ma jsirx titjib sinifikanti fix-xejriet, il-Mira 1 mhux se jkun possibbli li tintlaħaq sal-2020.

¹² BirdLife International (l-2004) "Birds in the European Union: a status assessment." Wageningen, In-Netherlands: BirdLife International.

¹³ Għal aktar tagħrif tista' tara r-rapport tal-EEA Nru 2/2015 — "State of nature in the EU: Results from reporting under the nature directives 2007-2012. (Il-qagħda tan-natura fl-UE: ir-riżultati tar-rappurtar skont id-direttivi tan-natura bejn l-2007-2012)

¹⁴ Inklużi dawk li baqgħu bi status "mhux magħruf".




Grafika 8 — Il-progress lejn il-Mira 1 tal-Istrateġija dwar il-Bijodiversità (is-sitwazzjonijiet "mhux magħrufa" inħbew)

4. IL-PRESSJONIJIET U T-THEDDIDIET

Sabiex jinftiehem aħjar il-fatturi li jinfluwenzaw l-istatus u x-xejriet, l-Istati Membri taw informazzjoni strutturata dwar il-pressjonijiet u t-theddidiet,¹⁵ jiġifieri l-kawżi sottostanti li jħallu impatt fuq l-ispeċijiet u l-ħabitats. Għas-sistemi fuq l-art, (il-Grafika 9), l-akbar problemi identifikati għat-tliet gruppi li huma (l-għasafar, speċijiet oħra u l-ħabitats) huma "*l-agrikoltura*" u "*t-tibdil li jikkawża l-bniedem fil-kundizzjonijiet naturali*". Fejn tidħol "*l-agrikoltura*", l-aktar pressjonijiet u theddidiet imsemmija sikwit huma t-tibdil fil-prattiċi tal-kultivazzjoni, ir-rigħi mill-bhejjem (fosthom l-abbandun tas-sistemi pastorali/in-nuqqas ta' ragħa), il-fertilizzazzjoni u l-pestiċidi. Filwaqt li fejn jidħol "*it-tibdil fis-sistema naturali*", l-aktar fatturi rappurtati sikwit huma t-tibdil li jikkawża l-bniedem fil-kundizzjonijiet idroloġiċi u fil-korp tal-ilma, it-tibdil fil-funzjonament idrografiku, it-tnaqqis fil-konnettività tal-ħabitats u l-astrazzjoni tal-ilma mill-ilma tal-pjan. Din il-valutazzjoni hi konsistenti ma' dik li saret

¹⁵ L-Istati Membri kellhom jagħtu grad "għoli", "medju" u "baxx" lil kull theddida/pressjoni rappurtata skont kemm hi sinifikanti.

skont id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, li tidentifika l-agrikoltura u l-idromorfoloġija bħala l-pressjonijiet ewlenin li jaffettwaw il-korpi tal-ilma¹⁶.




Grafika 9 — Il-frekwenza (%) tal-pressjonijiet u t-theddidiet (f'daqqa) bi grad "għoli" tal-Livell 1 — Fuq l-art

Fejn jidħlu s-sistemi tal-baħar, l-aktar pressjonijiet u theddidiet rappurtati huma "*l-użu tar-riżorsi ħajjin*" (l-aktar is-sajd u l-ġbir tar-riżorsi akkwatiċi iżda anke — sa ċertu punt — l-akkwakultura) u "*t-miġġis*" (il-Grafika 10).

Anke "*it-tibdil fil-kundizzjonijiet naturali*" (it-tħammil, it-tibdil fir-reġim idroloġiku u l-ġestjoni tal-kosta) u "*ix-xkiel minħabba attivitajiet tal-bniedem*" kif ukoll l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq l-għasafar tal-baħar ġew rappurtati bħala sinifikanti.

¹⁶ Ara l-Blueprint għas-Salvagwardja tar-Riżorsi tal-Ilma tal-Ewropa COM(2012) 673 u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u d-Direttiva dwar l-Għargħar: Azzjonijiet favur l-"istatus tajjeb" tal-ilma tal-UE u biex jitnaqqsu r-riskji tal-għargħar COM(2015) 120.



Grafika 10 — Il-frekwenza (%) tal-pressjonijiet u t-theddidiet (f'daqqa) bi grad "għoli" tal-Livell 1 — Fil-baħar


5. MINN PERSPETTIVA TAL-EKOSISTEMA

Saret analiżi tal-istatus ta' konservazzjoni tal-ħabitats u l-ispeċijiet u tax-xejriet tagħhom skont l-affinità tagħhom għall-ekosistemi msemmija fit-tipoloġija żviluppata bl-inizjattiva tal-UE msejħa l-MAES¹⁷ li timmeppja u tivvaluta l-ekosistemi u s-servizzi tagħhom. Il-Grafika 11 turi l-istatus ta' konservazzjoni u x-xejriet tal-ħabitats u l-ispeċijiet skont tip ta' ekosistema.

5.1. EKOSISTEMI FUQ L-ART

Fost l-ekosistemi fuq l-art, l-istatus ta' konservazzjoni u x-xejriet tal-ħabitats u tal-ispeċijiet iwarjaw ġmielu. Il-mergħat u l-artijiet mistagħdra għandhom l-akbar proporzjon ta' ħabitats bi status mhux favorevoli - ħażin u li sejjer għall-aġar. Dan isostnuh ukoll is-sejbiet dwar il-pressjonijiet u t-theddidiet meta joħorġu fid-dieher li dawn is-sistemi jintlaqtu b'mod partikolari mill-agrikoltura u mit-tibdil idroloġiku.

¹⁷ <http://biodiversity.europa.eu/maes>



Grafika 11 — L-istatus ta' konservazzjoni (CS) u x-xejriet għall-habitats skont kull tip ta' ekosistema (il-MAES) (Bl-għadd ta' valutazzjonijiet fil-parenteżi)

Billi s-sitwazzjoni relatata ma' dawn iż-żewġ ekosistemi mhix favorevoli f'kull reġjun bijoġeografiku, xi studji tal-każ juru li jekk jittieħdu miżuri xierqa u mmirati, din is-sitwazzjoni tista' titjieb.

- *Il-mergħat*

Fost l-aktar ekosistemi tal-UE li huma għanja bl-ispeċijiet hemm il-mergħat naturali u seminaturali. Fl-imgħoddi dawn l-inħawi kellhom sistemi ta' ġestjoni estensiva iżda fl-aħħar għexieren ta' snin il-firxa tagħhom ġarrbet tnaqqis kbir. Madwar 49% tal-valutazzjonijiet tal-UE għal 45 tip ta' habitat f'mergħat b'interess Komunitarju għandhom status mhux favorevoli - ħażin. Barra minn hekk, kważi 50% tal-għasafar relatati mal-mergħat qed jonqsu u, ħafna drabi, l-istatus ta' konservazzjoni ta' speċijiet oħra mhux favorevoli.

Fost il-pessjonijiet li qed iġarrbu l-mergħat hemm l-intensifikazzjoni fl-użu, prattiċi tal-kultivazzjoni bla mogħdrija, il-konverżjoni għal użu ieħor tal-art u l-abbandun tal-art. Fil-Litwanja, żewġ terzi tal-evalwazzjonijiet tat-tipi ta' habitats fil-mergħat juru xejriet li sejrjn għall-agħar filwaqt li daww kollha fir-Renju Unit għandhom status ta' konservazzjoni mhux favorevoli - ħażin. Jidher li fl-UE qed jonqsu bil-bosta daww l-għasafar bħall-Gallozz l-Aħmar *Crex crex* u l-Venewwa *Vanellus vanellus* li jiddependu fuq meded kbir tal-mergħat.

Iżda meta ddaħħlu fis-seħħ miżuri tal-UE u nazzjonali xierqa, xi xejriet negattivi setgħu jitreggħu lura. Ngħidu aħna fl-Estonja, bl-għajnuna tal-UE bil-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u bl-istrument LIFE, xi nħawi kbar b'merġhat seminaturali reġgħu treġgħu lura. B'hekk setgħu jerġgħu jiġu adattati l-prattiki tal-ħsad f'merġhat eżistenti u jerġgħu jiġu stabbiliti miżuri ta' ġestjoni estensivi għall-merġhat abbandunati. Għalkemm għall-ewwel tfassal għas-siti ta' Natura 2000, dan ġie applikat b'mod aktar wiesa' għall-ġestjoni sostenibbli tal-merġhat.

- *L-artijiet mistagħdra*

L-artijiet mistagħdra, li jinkludu l-għadajjar, il-pantani u l-moxa mgħaddra, huma fost l-aktar ekosistemi mhedda fl-Ewropa għax fl-aħħar għexieren ta' snin ġarrbu telf kbir ħafna. Għalkemm isawru biss madwar 2% tat-territorju tal-UE u 4,3% taż-żona ta' Natura 2000, dawn huma importanti ferm għal varjetà wiesgħa ta' speċijiet. Fl-UE, ħafna mit-tipi ta' ħabitats tal-artijiet mistagħdra huma protetti.

Il-valutazzjonijiet tal-istatus ta' konservazzjoni juru li 51% tal-ħabitats relatati mal-artijiet mistagħdra għandhom status mhux favorevoli - ħażin. Il-bidliet li jikkawża l-bniedem fl-idroloġija (bħad-drenaġġ) huma bil-bosta l-aktar pressjoni sinifikanti. Ngħidu aħna fl-Irlanda, kull tip ta' ħabitat "fl-għadajjar, fil-pantani u fil-moxa mgħaddra" għandu status ta' konservazzjoni mhux favorevoli filwaqt li l-għadajjar komplew sejr in għall-aġar minħabba l-qluġ tal-pit u minħabba d-drenaġġ. Billi fl-UE, medda kbira ta' art mistagħdra qed tiddeterjora, il-popolazzjonijiet ta' xi speċijiet li jiddependu ferm fuq l-artijiet mistagħdra, bħal ngħidu aħna l-Gurlin tal-Ewrasja *Numenius arquata* jew ir-Rospu Ewropew ta' Żaqqu Ħamra *Bombina bombina*, qed jonqsu. Iżda dawn ix-xejriet jistgħu jitreggħu lura. Ngħidu aħna fil-Belġju, billi saru ħafna proġetti fuq skala kbira u għaddejjin l-isforzi fis-siti ta' Natura 2000, kważi kull evalwazzjoni tat-tipi ta' ħabitats tal-artijiet mistagħdra turi xejra stabbli jew għall-aħjar.

L-ispeċijiet li jiddependu fuq l-art mistagħdra bħall-Kappun *Botaurus stellaris* urew irkupru sinifikanti fil-popolazzjonijiet tagħhom meta ttieħdu miżuri mmirati għall-konservazzjoni tal-ħabitats tagħhom. Dan ġara wkoll fir-Renju Unit, bl-għajnuna tal-programm LIFE.

5.2. L-EKOSISTEMI TAL-BAĦAR

Għall-ekosistemi tal-baħar, l-istatus ta' konservazzjoni u x-xejriet ivarjaw ġmielu (il-Grafika 11). Madankollu, billi meta mqabbla, l-għadd ta' karatteristiċi tal-baħar li tkopri d-Direttiva tal-Ħabitats hu baxx u l-livell ta' "mhux magħruf" hu għoli, ir-riżultati huma inqas konklużivi.

Jidher li 61% tal-ispeċijiet tal-għasafar assoċjati mal-ekosistemi tal-baħar huma siguri; iżda madwar kwart huma mhedda, u dan jōhroġ fid-dieher l-impatt ta' theddid bħall-predaturi u x-xkiel fil-kolonji, is-sajd inċidentali u t-tniġġis tal-baħar.

Minħabba l-kumplessità tal-ħidma fl-ambjent tal-baħar u n-nuqqas relattiv tad-dejta, f'it li xejn sar progress bil-protezzjoni tal-karatteristiċi tal-baħar u bl-istabbiliment tan-netwerk Natura 2000 (l-aktar fl-ambjent 'il barra mill-kosta). Iżda jekk is-siti jkollhom ġestjoni aħjar u aktar sensittiva filwaqt li ssir projbizzjoni tal-attivitajiet li jagħmlulhom il-ħsara, dan jaf

jissarraf f'titjib mgħaġġel. Pereżempju fl-Irlanda, ix-xejra pożittiva fl-istatus ta' konservazzjoni li kellha dan l-aħħar l-alga Maerl *Lithothamnium coralloides* hi marbuta mar-reġim ta' protezzjoni tad-Direttiva tal-Habitats. Anki xi għasafar tal-baħar mhedda bbenefikaw mill-miżuri ta' konservazzjoni tan-netwerk Natura: fl-UE il-popolazzjoni taċ-Ċirlewwa r-Roża *Sterna dougalli* żdiedet b'mod sinifikanti bis-saħħa tal-protezzjoni u l-ġestjoni tas-siti tat-tgħammir, inkluż il-kontroll tal-predaturi.

6. IR-RWOL TA' NATURA 2000

In-netwerk Natura 2000, li jinkludi Żoni Speċjali ta' Protezzjoni (ŻPS) skont id-Direttiva tal-Għasafar u Żoni Speċjali ta' Konservazzjoni¹⁸ (ŻSK) skont id-Direttiva tal-Habitats, jiġbor żoni ta' valur qawwi tal-bijodiversità. Fi żmienna, dan in-netwerk jiġbor aktar minn 18% tal-art tal-UE u 4% tal-ibħra fl-Ewropa. Dan hu l-istrument ewlieni tad-direttivi dwar in-natura biex l-ispeċijiet u l-habitats ikollhom status tajjeb/favorevoli. Fil-perjodu tar-rappurtar attwali, l-għadd ta' siti żdied b'9,3% (ŻSK) u bi 12,1% (ŻPS), filwaqt li ż-żona li jkopri n-netwerk żdiedet b'41,2% (ŻSK) u bi 28,9% (ŻPS). Ħafna miż-żieda saret fl-2007 meta l-Bulgarija u r-Rumanija ssieħbu fl-UE, u fil-komponent tal-baħar tan-netwerk.


Għalkemm sar progress importanti fin-nomini taż-ŻSK min-naħa ta' xi Stati Membri u żdiedet il-ħidma fuq il-pjanijiet ta' ġestjoni, il-potenzjal sħiħ tan-netwerk għadu mhux jitħaddem; u dan qed jiġri għax il-miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa għas-siti għadhom ma ddaħħlux għalkollox, bħal pereżempju 50% tas-siti biss ġew rappurtati li għandhom pjanijiet ta' ġestjoni komprensivi. Jidher ukoll li l-investment ma kienx biżżejjed biex jintlaħaq dan l-għan fxi Stati Membri¹⁹ u li l-opportunitajiet li ngħidu aħna joffru l-Politika Agrikola Komuni, il-Politika Komuni tas-Sajd u l-Politika Reġjonali tal-UE għadhom ma nhatfux bis-sħiħ.

6.1. IL-KONTRIBUZZJONI TAN-NETWERK GĦALL-ISTATUS TA' KONSERVAZZJONI (ID-DIRETTIVA TAL-HABITATS)

Fi gradi differenti, in-netwerk jiġbor it-tipi ta' habitats imniżżlin fl-Anness I u l-ispeċijiet imniżżlin fl-Anness II tad-Direttiva, li għalihom jiġu maħtura ŻSK. Sabiex jikkorrelataw il-kopertura ta' Natura 2000 mal-istatus u x-xejriet, il-valutazzjonijiet inqas fi tliet gruppi skont kemm it-tipi ta' habitats u l-ispeċijiet huma rappreżentati f'Natura 2000, jiġifieri li fin-netwerk għandhom kopertura aktar minn 75% (għoli), 35-75% (medju) u inqas minn 35% (baxx) (ara l-Grafika 12).

¹⁸ Is-siti skont id-Direttiva tal-Habitats jipproponuhom l-Istati Membri u għall-ewwel, qabel formalment isiru ŻSK, ikunu jissejju "Siti ta' Importanza Komunitarja" (SIK) — id-dejta f'dan ir-rapport tirreferi għat-tnejn li huma.

¹⁹ Il-Finanzjament ta' Natura 2000 — Ninvestu f'Natura 2000: Benefiċċji għan-natura u n-nies, SEC(2011) 1573 finali, 12.12.2011.



Grafika 12 — Ix-xejriet fl-istatus ta' konservazzjoni tal-ħabitats fl-Anness I li l-Istati Membri jqisuhom bħala mhux favorevoli (għal ħabitats li aktar minn 75%, 35-75% u inqas minn 35% taż-żona tagħhom ikopriha n-netwerk Natura 2000)

L-istatus ta' konservazzjoni ġenerali tal-ħabitats u tal-ispeċijiet ma jistax jiġi attribwit għall-kopertura ta' Natura 2000. Madankollu, kemm għall-ħabitats kif ukoll għall-ispeċijiet bi status mhux favorevoli, ix-xejra fl-istatus ta' konservazzjoni²⁰ hi assoċjata mill-qrib mal-kopertura ta' Natura 2000. Il-proporzjon tal-valutazzjonijiet bi status għall-agħar hu akbar f'sitwazzjonijiet b'kopertura baxxa (0-35%) milli hu f'sitwazzjonijiet b'kopertura għolja (75-100%). B'kuntrast ma' dan, dawk li għandhom kopertura ta' Natura 2000 relattivament ogħla huma aktar probabbli li juru valutazzjonijiet stabbli. Dan jisħaq ir-rwol kruċjali li jaqdi n-netwerk biex jiġi stabbilit status ta' konservazzjoni.

Il-Polonja hi eżempju interessanti għax in-netwerk ikopri 80-90% tat-tip ta' ħabitat 6210 b'merġat kalkarji mhedda. Ħafna drabi fl-imgħoddi, dan il-ħabitat ġie abbandunat jew tmexxa ħażin; iżda dan l-aħħar jidher li tjejb fl-istatus għax fis-siti ta' Natura 2000 twettqu miżuri ta' konservazzjoni fosthom it-tneħħija ta' arbuxelli, ħsad u xi drabi ragħa estensiv. B'dawn l-azzjonijiet, li ħafna minnhom iffinanzjahom il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, żdiedet ftit ftit iż-żona ta' dan il-ħabitat bil-merġat u naqset il-frammentazzjoni. Dan, min-naħa tiegħu, għen biex jiġi rkuprat l-iskwiril tal-art Ewropew endemiku *Spermophilus suslicus*, li l-popolazzjoni tiegħu kważi tinsab biss fis-siti ta' Natura 2000. Dan hu eżempju ċar ta' kif l-attivitajiet tal-bniedem, anki jekk ikollhom skop ekonomiku, jistgħu jservu ta' ġid għall-konservazzjoni tal-ħabitats u għall-ispeċijiet jekk jitwettqu b'mod sostenibbli.


6.2. IX-XEJRIET GĦALL-ISPEĊIJET DIPENDENTI FUQ IN-NETWERK ŻPS (ID-DIRETTIVA TAL-GĦASAFAR)

Meta mqabbla mal-ispeċijiet li mhumiex inklużi f'dan l-Anness, billi hemm proporzjon akbar tal-ispeċijiet tal-għasafar imsemmija fl-Anness I li għandhom nomina ŻPS bħala miżura ewlenija, dan juri xejriet li qed tikber il-popolazzjoni riproduttiva (il-Grafika 13). Dan jagħtina x'nifhmu li b'azzjoni ta' konservazzjoni mmirata għal dawn l-ispeċijiet, l-aktar bil-

²⁰ U anki x-xejra tal-popolazzjoni fi żmien qasir għall-ispeċijiet.

ġestjoni taż-ŻPS, qed jitħalla effett pożittiv fuq il-popolazzjonijiet tagħhom. L-ispeċijiet u s-sottospeċijiet tal-Anness I li għalihom issawru Pjanijiet ta' Azzjoni tal-UE għall-Ispeċi, u li għandhom prijorità għal finanzjament bil-programm LIFE, qed juru proporzjon ferm akbar ta' xejriet li qed tikber il-popolazzjoni.

Bejn wieħed u ieħor, 35% tal-ispeċijiet tal-Anness I li kienu qed jonqsu fuq medda twila ta' żmien, qed juru xejriet stabbli jew ta' żieda fi żmien qasir. Dan hu sinjal ċar ta' stabilizzazzjoni u xi drabi ta' titjib fl-istatus tagħhom. Madankollu, 45% ta' dawk li qed jonqsu fuq medda twila ta' żmien, qed jonqsu wkoll fi żmien qasir, u allura nifhmu l-ħtieġa li dan it-tnaqqis jingħata l-attenzjoni u l-isforz biex jitreġġa' lura.



Grafika 13 — Ix-xejra fit-tul (mill-1980) tal-popolazzjoni riproduttiva (%) skont l-Anness

L-ispeċi emblematica tal-Anness I, jiġifieri l-Grawwa Ewro-Asjatika *Grus grus*, li Natura 2000 tagħtiha protezzjoni speċjali waqt ir-riproduzzjoni, fil-mistrieħ u fix-xitwa, u kienet soġġetta għal ħafna azzjonijiet ta' konservazzjoni mmirati, ġarrbet irkupru notevoli fl-għadd u fil-firxa minn mindu daħlet fis-seħħ id-Direttiva tal-Għasafar fil-bidu tat-tmeninijiet.

7. KONKLUŻJONIJIET

Din hija t-tieni valutazzjoni għal status ta' konservazzjoni skont id-Direttiva tal-Habitats, biex b'hekk setgħet issir l-ewwel valutazzjoni komparattiva fil-livell tal-UE. Vantaġġ ieħor hu t-titjib sinifikanti li sar fl-għarfien dwar l-istatus u x-xejriet għal speċijiet u habitats protetti

mill-aħħar perjodu tar-rappurtar. Barra minn hekk, bid-Direttiva tal-Għasafar sar eżerċizzju tar-rappurtar simili u b'hekk għall-ewwel darba tista' ssir valutazzjoni komprensiva tal-istatus u tax-xejriet għal kull speċi li tkopri l-leġislazzjoni tal-UE dwar in-natura.

Xi speċijiet u habitats li tkopri l-leġislazzjoni qed juru sinjali ta' rkupru, kif jidher fl-istejjer ta' suċċess f'partijiet differenti tal-Ewropa. Hemm indikazzjonijiet ċari li n-netwerk Natura 2000 qed jaqdi rwol prinċipali fl-istabilizzazzjoni tal-habitats u l-ispeċijiet bi status mhux favorevoli, l-aktar meta jkunu twettqu l-miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa fuq skala adegwata.

Madankollu, l-istatus ġenerali tal-ispeċijiet u tal-habitats fl-UE ma nbidlitx b'mod sinifikanti matul il-perjodu 2007-2012, għax ħafna habitats u speċijiet għadhom bi status mhux favorevoli u proporzjon ġmielu minnhom qed imur aktar għall-agħar. Għaldaqstant hemm bżonn li jsiru sforzi ta' konservazzjoni aktar b'saħħithom ħalli sal-2020 tintlaħaq il-Mira 1 tal-biodiversità fl-UE. Xi gruppi ta' speċijiet, bħall-ħut tal-ilma ħelu, u habitats bħall-mergħat u l-artijiet mistagħdra, huma ta' tħassib partikolari. Hemm bżonn li jiġu indirizzati xi pressjonijiet u theddidiet sinifikanti minħabba prattiċi agrikoli u t-tibdil kontinwu fil-kundizzjonijiet idroloġiċi, kif ukoll bl-isfruttament żejjed u t-tniġġis tal-ambjent tal-baħar, ħalli dawn ix-xejriet jitreġġu lura.

Sabiex jintlaħqu l-għanijiet tad-direttivi hemm bżonn ġestjoni effettiva u r-restawr taż-żoni ta' Natura 2000. Minkejja li sar progress biex jitwaqqaf in-netwerk, ma sarx progress biżżejjed biex jiddaħħlu għanijiet u miżuri ta' konservazzjoni li jissodisfaw għalkollox il-ħtiġijiet li jitħarsu l-habitats u l-ispeċijiet protetti. Sa tmiem l-2012, 50% tas-siti biss ġew rappurtati li għandhom pjanijiet ta' ġestjoni komprensivi, u l-istrumenti ta' finanzjament tal-UE, li jagħtu opportunitajiet ta' appoġġ għall-ġestjoni u għar-restawr ta' Natura 2000, ma ntużawx biżżejjed²¹.

L-istatus ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet u l-habitats jista' jitjieb b'azzjoni mmirata kif ħareġ fid-dieher, pereżempju, bil-programm LIFE Natura u b'azzjonijiet agriambjentali speċifiċi li kkofinanzja l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali. Il-Kummissjoni qed taħdem mal-Istati Membri u l-partijiet konċernati fil-livell bijoġeografiku tal-UE biex tippromwovi l-iskambju tal-esperjenza u l-prattika t-tajba fejn jidħlu l-ġestjoni u r-restawr. Dan it-titjib jibqa' jissarraf f'ġid ekonomiku sinifikanti mis-servizzi estensivi ta' ekosistema li jipprovdi n-netwerk Natura 2000. Biss biss, għas-siti fuq l-art, hemm stmati benefiċċji ta' bejn EUR 200-300 biljun, fosthom il-ħażna tal-karbonju, it-trażżin tar-riskji naturali, it-tisfija tal-ilma, is-saħħa u t-turizmu²². Dawn għandhom jibqgħu jimlewna b'kuraġġ biex inżidu l-investment fin-netwerk.

Dan l-aħħar il-Kummissjoni, fil-qafas tar-REFIT (il-programm tal-Kummissjoni dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni), nediet "kontroll tal-idoneità" tad-direttivi dwar in-natura biex tivvaluta jekk dawn id-direttivi għadhomx adattati għal dan l-iskop. Dan il-kontroll tal-idoneità se jqis firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet relatati mal-effettività, l-effiċjenza, il-koerenza, ir-rilevanza u l-valur miżjud tal-UE tal-leġislazzjoni. Dan ir-rapport dwar il-qagħda tan-natura se jagħti kontribut importanti lill-kontroll tal-idoneità, l-aktar fejn

²¹ Il-Finanzjament ta' Natura 2000 — Ninvestu f'Natura 2000: Benefiċċji għan-natura u n-nies, SEC(2011) 1573 finali, 12.12.2011.

²² Estimating the Overall Economic Value of the Benefits provided by the Natura 2000 Network (Stima tal-Valur Ekonomiku Globali tal-Benefiċċji li jipprovdi n-Netwerk Natura 2000), IEEP (Diċembru 2011)

tidħol l-effettività tal-leġislazzjoni. Ir-riżultati se jiġu integrati wkoll fil-qafas ta' nofs it-term tal-Istrateġija dwar il-Bijodiversità.